

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 24.9.2010  
KUMM(2010) 505 finali

2010/0258 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq**

**(Riformulazzjoni)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet<sup>1</sup> li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehem malajr.
2. Il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq<sup>2</sup> inbdiet mill-Kummissjoni. Ir-Regolament il-ġdid kellu jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fih<sup>3</sup>; il-kontenut kollu tagħhom kellu jinżamm u għalhekk kulma kellu jagħmel ir-Regolament il-ġdid kien li jgħaqqadhom filwaqt li jagħmel biss l-emendi formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.
3. Fil-frattemp, daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona. Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-leġiżlatur jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv.
4. Tali delega ta' setgħa tista' tkun xierqa għal ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1172/98. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-kodifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 tiġi ttrasformata f'riformulazzjoni sabiex jiġu introdotti l-emendi neċessarji.
5. Il-proposta ta' riformulazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari fl-ilsna uffiċjali kollha tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 u tal-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u ġodda tidher fit-tabella li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament irriformulat.

---

<sup>1</sup> COM(87) 868 PV.

<sup>2</sup> Magħmula skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

<sup>3</sup> Ara l-Anness VIII għal din il-proposta.

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq**

**(Riformulazzjoni)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu [338\(1\)](#) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>4</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq<sup>5</sup> ġie emendat kemm-il darba<sup>6</sup> b'mod sostanzjali. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, huwa għandu jiġi rriformat għall-finijiet ta' ċarezza.

---

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>5</sup> ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1.

<sup>6</sup> Ara l-Anness VIII.

---

↓ 1172/98 Premessa 1 (adattat)

- (2) Sabiex **twettaq** ix-xogħlijiet mogħtija lilha fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, il-Kummissjoni għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dejta statistika komparabbli, ta' min jorbot fuqha, sinkronizzata, regolari u komprensiva fuq l-iskala u l-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz ta' vetturi rreġistrati ☒ fl-Unjoni ☒, u fuq il-grad ta' utilizzazzjoni tal-vetturi li jwettqu dan it-trasport.

---

↓ 1172/98 (adattat)

- (3) Huwa **neċessarju** li jiġu kkompilati statistiċi reġjonali komprensivi kemm rigward it-trasport tal-merkanzija kif ukoll rigward il-vjaġġi tal-vetturi.
- (4) Hu **għalhekk** xieraq li tiġi assicurata d-deskrizzjoni tal-oriġini u d-destinazzjoni reġjonali tat-trasport ☒ fi ħdan l-Unjoni ☒ fuq l-istess bażijiet tat-trasport nazzjonali, u li tiġi pprovduta rabta bejn it-trasport tal-merkanzija u l-vjaġġi tal-vetturi billi jitkejjel il-grad tal-utilizzazzjoni tal-vetturi li jwettqu dan it-trasport.
- (5) Skont il-**prinċipju** tas-sussidjarjetà, il-ħolqien ta' standards statistiċi komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' informazzjoni armonizzata jista' jsir b'mod effiċjenti biss fil-livell ☒ tal-Unjoni ☒, filwaqt li d-dejta tinġabar f'kull Stat Membru taħt l-awtorità tal-entitajiet u l-istituzzjonijiet inkarigati mill-kompilazzjoni tal-istatistiċi uffiċjali.

---

↓ 1172/98

- (6) Ir-**Regolament** (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej<sup>7</sup> jipprovdi qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, b'mod partikulari dawk relatati mal-aċċess għas-sorsi tad-dejta amministrattivi, ma' kemm il-prezz tar-riżorsi disponibbli jkun ekonomiku u mal-kunfidenzjalità statistika.
- (7) Il-**komunikazzjoni** tad-dejta individwali, ladarba ssir anonima, tkun neċessarja sabiex tiġi stmata l-preċiżjoni globali tar-riżultati.
- (8) Huwa importanti **li** jiġi assicurati li l-informazzjoni statistika tixxerred kif suppost.

---

<sup>7</sup> ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

---

↓ 399/2009 Premessa 1 (adattat)

- (9)  Il-miżuri **meħtieġa** għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament  għandhom jiġu adottati skont id-Deċizzjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprova l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>8</sup>.

---

↓ 399/2009 Premessa 4 (adattat)

⇒ ġdid

- (10) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa ⇒ li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat f'dak li jirrigwarda  l-adozzjoni tal-  karatteristiċi tal-ġbir tad-dejta u  tal-  kontenut tal-annessi u  l-adozzjoni ta'  rekwiżiti minimi ta' preċiżjoni għall-prospetti tal-istatistika trażmessi mill-Istati Membri u  tal-  proċeduri ta' implimentazzjoni ta'  dan  ir-Regolament, inklużi miżuri għall-adattament tiegħu għall-progress ekonomiku u tekniku. ~~Billi daww il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dak  dan  ir-Regolament, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni 1999/468/KE,~~

---

↓ 1172/98 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jikkompila statistiċi  għall-Unjoni  dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq permezz ta' vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li jkunu rreġistrati f'dak l-Istat Membru, u dwar il-vjaġġi li jsiru minn vetturi bħal dawn.

---

↓ 1172/98

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz ta':

- (a) vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li l-piż awtorizzat jew id-dimensjonijiet tagħhom jaqsbu l-limiti normalment permessi fl-Istati Membri kkonċernati;

---

<sup>8</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

- (b) vetturi agrikoli, vetturi militari u vetturi li jkunu tal-amministrazzjonijiet ċentrali jew pubbliċi lokali, bl-eċċezzjoni ta' vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li jkunu ta' impriżi pubbliċi, u b'mod partikulari ta' impriżi ferrovjarji.

Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament il-vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li l-kapaċità tat-tagħbija tagħhom jew il-piż permissibbli tagħhom meta bit-tagħbija jkun anqas minn ċertu limitu. Dan il-limitu ma jistax jaqbeż kapaċità tat-tagħbija ta' 3,5 tunnellata metrika jew piż permissibbli meta bit-tagħbija ta' 6 tunnellati metriċi fil-każ ta' vetturi b'mutur wieħed.

## *Artikolu 2*

### **Id-definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

- (a) “trasport tal-merkanzija bit-triq”: it-trasport kollu tal-merkanzija permezz ta' vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija;
- (b) “il-vettura tat-trasport bit-triq”: vettura tat-trasport bit-triq li tkun mġammra b'mutur li jkun il-mezz waħdieni għall-propulsjoni tagħha, li hi normalment użata għat-trasport tal-persuni jew tal-merkanzija bit-triq, jew għall-ġbid, bit-triq, ta' vetturi użati għat-trasport ta' persuni jew merkanzija;
- (ċ) “vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija”: vettura tat-triq iddisinjata esklużivament jew primarjament għat-trasport tal-merkanzija (trakk, karru, nofs-karru);
- (d) “vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq”: kwalunkwe vettura singola tat-triq għat-trasport (trakk), jew kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq, jiġifieri tren (trakk ma' karru) jew vettura artikulata (żiemel ma' nofs-karru) iddisinjati għat-trasport tal-merkanzija;
- (e) “trakk”: vettura tat-triq riġida ddisinjata esklużivament jew primarjament għat-trasport al-merkanzija;
- (f) “żiemel”: vettura tat-triq għat-trasport iddisinjata esklużivament jew primarjament biex tiġbed vetturi oħra tat-triq li ma jkunux misjuqa minn mutur (b'mod ewlieni nofs-karru);
- (g) “karru”: vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija ddisinjata biex tinġibed minn vettura tat-trasport bit-triq;
- (h) “nofs-karru”: vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija mingħajr fus fuq quddiem iddisinjata b'dan il-mod biex parti mill-vettura u parti sostanzjali tal-piż mġobbji tagħha tistrieħ fuq iż-żiemel;
- (i) “vettura artikulata”: ziemeġ flimkien ma' nofs-karru;
- (j) “tren tat-triq”: vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija imqabba ma' karru. Din il-kategorija tinkludi wkoll vettura artikulata b'karru ieħor imqabba magħha;

- (k) “irreġistrat”: l-istat ta' meta vettura titniżżel f'reġistru ta' vetturi tat-triq għat-trasport, miżmum minn entità uffiċjali fi Stat Membru, sew jekk ir-reġistrazzjoni tkun akkumpanjata mill-ħruġ tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni sew jekk le.

Fil-każ ta' trasport permezz ta' kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq għat-trasport, jiġifieri tren (trakk ma' karru) u jew vettura artikulata (żiemel ma' nofs-karru), fejn il-vettura tat-triq għall-merkanzija (trakk jew żiemel) u l-karru jew in-nofs-karru jkunu rreġistrati f'pajjiżi differenti, il-vettura sħiħa għandha titqies bħala li tkun irreġistrata fil-pajjiż fejn il-vettura tat-triq għall-merkanzija tkun irreġistrata;

- (l) “il-kapaċità għat-tagħbija”: il-piż massimu tal-merkanzija ddikjarata permissibbli mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Meta l-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq ikun tren magħmul minn trakk b'karru, il-kapaċità tat-tagħbija tat-tren tkun it-total tal-kapaċità tat-tagħbija tat-trakk u tal-karru;

- (m) “il-piż massimu permissibbli”: il-piż totali tal-vettura (jew il-kombinazzjoni tal-vetturi) meta din tkun wieqfa u lesta għat-triq flimkien mal-piż tat-tagħbija iddikjarat permissibbli mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura;

---

- (n) “Eurostat”: id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għat-twettiq tax-xogħlijiet li jaqgħu fuq dik l-istituzzjoni fis-settur tal-produzzjoni tal-istatistiċi  tal-Unjoni .

---

### *Artikolu 3*

#### **Il-ġbir tad-dejta**

1. L-Istati Membri għandhom jikkompilaw dejta statistika li jkollha x'taqsam mas-setturi li ġejjin:

---

- (a)  il- vetturi;
- (b)  il- vjaġġ;
- (ċ)  il- merkanzija.

2. It-tagħrif varjabbli fl-istatistiċi ta' kull żona, id-definizzjoni ta' tagħhom u l-livelli fil-klassifikazzjoni użata għall-analiżi jidhru fl-Annessi  I sa VII .

---

↓ 1172/98

3. Meta jkun qed jiġi deċiż il-metodu li għandu jiġi użat għall-kompilazzjoni tad-dejta statistika, l-Istati Membri għandhom jieqfu milli jwettqu kwalunkwe formalità fuq il-fruntieri ta' bejn l-Istati Membri.

---

↓ 399/2009 Art. 1(1) (adattat)  
⇒ ġdid

4. ⇒ Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 sabiex tadotta  l-karatteristiċi tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut tal-Annessi I sa VII. ~~Din il-miżura, mfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 8(3).~~

---

↓ 399/2009 Art. 1(2) (adattat)  
⇒ ġdid

#### Artikolu 4

### Il-preċiżjoni tar-riżultati

Il-metodi għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta għandhom ikunu mfassla sabiex jiżguraw li r-riżultati statistiċi trazzmessi mill-Istati Membri jilhqg standards minimi ta' preċiżjoni, b'kont meħud tal-karatteristiċi strutturali tat-trasport bit-triq fl-Istati Membri. ⇒ Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 sabiex tadotta  r-rekwiżiti ta' preċiżjoni. ~~Din il-miżura, mfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 8(3).~~

---

↓ 1172/98

#### Artikolu 5

### It-trażmissjoni tar-riżultati lill-Eurostat

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Eurostat kull tliet xhur id-dejta individwali vverifikata kif suppost li tkun tikkorrispondi mat-tibdiliet imsemmija fl-Artikolu 3 u elenkati fl-Anness I, mingħajr l-indikazzjoni tal-isem, l-indirizz jew in-numru tar-reġistrazzjoni.

Trażmissjoni bħal din għandha, fejn ikun xieraq, tinkludi d-dejta li għandha x'taqsam ma' termini trimensili preċedenti li għalihom id-dejta trazzmessa kienet proviżorja.

---

↓ 399/2009 Art. 1(3)

2. L-arranġamenti għat-trażmissjoni tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1, inklużi, fejn xieraq, l-iskedi statistiċi bbażati fuq dik id-dejta, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 11(2).

---

↓ 1172/98

3. It-trażmissjoni għandha sseħħ fi żmien ħames xhur mill-aħħar ta' kull perjodu ta' tliet xhur ta' osservazzjoni.

L-ewwel trażmissjoni għandha tkopri l-ewwel tliet xhur tal-1999.

---

↓ 399/2009 Art. 1(4)

#### *Artikolu 6*

#### **Disseminazzjoni tar-riżultati**

Id-dispożizzjonijiet dwar id-disseminazzjoni tar-riżultati statistiċi dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq, inklużi l-istruttura u l-kontenut tar-riżultati li għandhom jiġu disseminati, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 11(2).

---

↓ 1172/98

#### *Artikolu 7*

#### **Ir-rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Eurostat, fid-data jew qabel id-data li fiha l-informazzjoni tal-ewwel tliet xhur tiġi mgħoddija, rapport dwar il-metodi użati għall-kompilazzjoni tad-dejta.

L-Istati Membri għandhom ukoll jgħaddu lill-Eurostat id-dettalji ta' kwalunkwe tibdil sostanzjali fil-metodi użati għall-ġbir tad-dejta.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Eurostat bl-informazzjoni ta' kull sena dwar id-daqsijiet tal-kampjuni, ir-rati ta' dawk li ma weġbux u, fil-forma ta' żball normali jew intervalli tal-kunfidenza, kemm ikunu ta' min jorbot fuqhom ir-riżultati ewlenija.

## Artikolu 8

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal tul indeterminat.
2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati tingħata lill-Kummissjoni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10.

## Artikolu 9

### Revoka tad-delega

1. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.
2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega ta' setgħa għandha tinforma lil-leġiżlatur l-ieħor u lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn xahar qabel ma tiegħu tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' revoka kif ukoll ir-raġunijiet għal revoka.
3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'din id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatement jew f'data ulterjuri stipulata minnha. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Din għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Artikolu 10

### Oġġezzjonijiet għall-atti delegati

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perijodu għandu jizjed b'xahar.
2. Jekk, meta jiskadi dan il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx, l-att delegat għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fid-dispożizzjonijiet tiegħu.
3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet.

*Artikolu 11*

**Proċedura ta' Kunitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kunitat  tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika  stabbilit  bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 .

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

~~3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(a) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~



*Artikolu 12*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 1172/98 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

*Artikolu 13*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...],

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

**ANNESI**

Anness I	IL-LISTA TAL-VARJABBLI
Anness II	IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONFIGURAZZJONIJIET TAL-FUS
Anness III	IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TAL-VJAĠĠI
Anness IV	IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-MERKANZIJA
Anness V	IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KATEGORIJI TAL-MERKANZIJA PERIKOLUŻA
Anness VI	IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TAL-MERKANZIJA
Anness VII	IL-KODIFIKA ☒ TAL-PAJJIŻI U R-REĠJUNI ☒
☒ Anness VIII ☒	☒ REGOLAMENT IMĦASSAR FLIMKIEN MA' LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU ☒
☒ Anness IX ☒	☒ TABELLA TA' KORRELAZZJONI ☒

---

## ANNEX I

### IL-LISTA TAL-VARJABBLI

L-informazzjoni li għandha tingħata għal kull vettura għandha tinqasam hekk:

- A1. id-dejta li għandha x'taqsam mal-vettura;
- A2. id-dejta li għandha x'taqsam mal-vjaġġ;
- A3. id-dejta li għandha x'taqsam mal-merkanzija (fl-operazzjoni bażika tat-trasport).

↓ 1172/98 (adattat) → <sub>1</sub> 1893/2006 Art. 13
---

#### **A1. IL-VARJABBLI RELATATI MAL-VETTURA**

Skont id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2, vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq għandha tkun kwalunkwe vettura singola għat-trasport (trakk) tat-triq jew kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq, jiġifieri tren tat-triq (trakk bil-karru) jew vettura artikulata (żiemel ma' nofs-karru) iddisinjati għall-trasport tal-merkanzija.

Id-dejta li għandha x'taqsam mal-vettura li għandha tingħata hija din li ġejja:

- 1. il-possibbiltà tal-użu tal-vetturi għat-trasport ikkombinat (volontarju);
- 2. il-konfigurazzjoni tal-fus skont l-Anness II (volontarja);
- 3. kemm għandha żmien (fi snin) il-vettura għat-trasport bit-triq (it-trakk jew iż-żiemel) (mill-ewwel regjistrazzjoni tagħha);
- 4. il-piż massimu permissibbli, f'100 kg;
- 5. il-kapaċità għat-tagħbija, f'100 kg;
- 6. l-operatur tal-vettura →<sub>1</sub> NACE Rev. 2 ← il-kategorija tal-attività (livell sa erba' ċifri) (volontarju)<sup>9</sup>;
- 7. it-tip ta' trasport (b'kiri jew bi premju/għal rasu);
- 8. it-total ta' kilometri misjuqa matul il-perjodu tas-sondaġġ;
- 8.1. imgħobbi;
- 8.2. vojti (inklużi l-vjaġġi taż-żwiemel mingħajr in-nofs-karri) (volontarju);

<sup>9</sup> Il-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitàjiet ekonomiċi ☒ fl-Unjoni Ewropea ☒.

9. il-vettura pizata, li għandha tintuża biex jinkisbu r-riżultati kompleti mid-dejta individwali jekk id-dejta tkun inġabret fuq il-bażi ta' kampjuni kif jiġu.

↓ 1172/98

## **Il-konfigurazzjonijiet suċċessivi**

Meta l-vettura għat-trasport bit-triq magħżula tkun trakk waħdu, jiġifieri mingħajr karru, matul il-perjodu tas-sondaġġ, din tkun tikkonstitwixxi fiha nfisha l-vettura tat-triq għat-trasportazzjoni tal-merkanzija.

Madanakollu, meta l-vettura tat-trasport bit-triq li tintgħażel għas-sondaġġ tkun żiemel tat-triq - li f'dak il-każ ikollu nofs-karru meħmuż miegħu - jew meta jkun trakk li miegħu jkun meħmuż karru, id-dejta meħtieġa taħt ir-Regolament tkun dwar il-vettura għat-trasport tal-merkanzija tat-triq meħuda bħala ħaġa intiera. F'dan il-każ, jista' jkun hemm bidla fil-konfigurazzjoni matul il-perjodu tas-sondaġġ (bi trakk li jżid karru miegħu jew ibiddel il-karru matul il-perjodu, jew żiemel tat-triq ibiddel in-nofs-karru tiegħu). F'każ bħal dan, dawn il-konfigurazzjonijiet suċċessivi għandhom jiġu rreġistrati, u d-dejta dwar l-vettura għandha tiġi fornuta għal kull vjaġġ. Madanakollu, jekk ma jkunx possibbli li dawn il-konfigurazzjonijiet suċċessivi jiġu rreġistrati, hemm qbil li, fil-każ tal-varjabbli relatati mal-vetturi, dawk li jikkorrispondu mal-konfigurazzjoni fil-bidu tal-ewwel vjaġġ li jkun sar bit-tagħbija matul il-perjodu tas-sondaġġ jew mal-konfigurazzjoni l-aktar użata matul dak il-perjodu jiġu rreġistrati.

## **It-tibdil fit-tip tat-trasport**

Bl-istess mod, waqt li jiddependi mill-vjaġġ, it-trasport jista' jsir għal rasu, għall-kiri jew għall-kumpens, u t-tip ta' trasport għandu jiġi rreġistrat għal kull vjaġġ. Madanakollu, jekk ma jkunx possibbli li jiġu rreġistrati dawn il-bidliet, hemm qbil li t-tip ta' trasport irreġistrat ikun dak li jikkorrispondi mal-mod prinċipali tal-utilizzazzjoni.

## **A2. IL-VARJANTI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-VJAĠĠ**

Matul il-perjodu tas-sondaġġ, il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq tagħmel vjaġġi, jew bla tagħbija (ma jkun hemm ebda merkanzija jew kontenituri vojta fit-trakk, il-karru jew in-nofs-karru, li jkunu għalhekk “kompletament vojta”) jew bit-tagħbija (ikun hemm jew merkanzija inkella kontenituri vojta fit-trakk, il-karru jew in-nofs-karru, filwaqt li l-kontenituri vojta jkunu ta' tip partikolari ta' merkanzija). Id-distanza tal-vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija meta mgħobbija hija d-distanza bejn l-ewwel post tat-tagħbija u l-aħħar post tat-ħatt (fejn il-vettura għat-trasport tal-merkanzija tkun kompletament żvojtata). Vjaġġ bit-tagħbija jista' għalhekk ikopri ħafna operazzjonijiet bażiċi ta' trasport.

Id-dejta li għandha tingħata għal kull vjaġġ hija kif ġej:

1. it-tip tal-vjaġġ skont in-nomenklatura fl-Anness III;

2. il-piż tal-merkanzija li nġarret matul il-vjaġġ jew matul kull stadju tal-vjaġġ, il-piż gross f100 kg;
3. il-post tat-tagħbija (tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għal vjaġġ bit-tagħbija):
  - *id-definizzjoni*: il-post tat-tagħbija huwa l-ewwel post li minnu l-merkanzija titgħabba fuq il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li qabel kienet kompletament vojta (jew fejn iż-żiemel tat-triq jiġi meħmuż ma' nofs-karru mgħobbi). Għal vjaġġ bla tagħbija, dan huwa l-post tal-ħatt tal-vjaġġ bit-tagħbija preċedenti (l-idea ta' "il-post fejn jibda l-vjaġġ bla tagħbija"),
  - *il-kodifika*: il-post tat-tagħbija jiġi kkodifikat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
4. il-post tal-ħatt (tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għal vjaġġ bit-tagħbija):
  - *id-definizzjoni*: il-post tal-ħatt huwa l-aħħar post li fih il-merkanzija tiġi maħtuta minn fuq il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li wara tkun kompletament vojta (jew fejn iż-żiemel tat-triq ikun sġanċjat minn man-nofs-karru). Għall-vjaġġ bla tagħbija, huwa l-post tat-tagħbija tal-vjaġġ bit-tagħbija li jkun imiss (l-idea ta' "il-post fejn jispiċċa l-vjaġġ bla tagħbija"),
  - *il-kodifika*: il-post tal-ħatt jiġi kkodifikat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
5. id-distanza vjaġġgata: id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza misjuqa mill-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq waqt il-trasport b'mezz ieħor ta' trasport;
6. it-tunnellati-kilometri vjaġġgati matul il-vjaġġ;

---

↓ 2691/1999 Art. 1 pt. 1

7. Il-pajjiżi (mhux aktar minn 5), li minn ġo fihom iseħħ it-transitu, ikkodifikati skont l-Anness VII;

---

↓ 1172/98

8. il-post tat-tagħbija, jekk ikun hemm, tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq mezz ieħor ta' trasport skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII (volontarju);
9. il-post tal-ħatt, jekk ikun hemm, tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq minn mezz oħra ta' trasport skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII (volontarju);

10. is-sitwazzjoni “mgħobbi totalment” (il-proċedura 2) jew “mhux mgħobbi totalment” (il-proċedura 2) tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq matul il-vjaġġ inkwestjoni, f'termini tal-volum massimu ta' spazju użat matul il-vjaġġ (il-proċedura 0 = skont il-konvenzjoni għal vjaġġi bla tagħbija) (volontarju).

### **A3. IL-VARJABBLI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-MERKANZIJA (FL-OPERAZZJONI BAŻIKA TAT-TRASPORT)**

Matul vjaġġ bit-tagħbija, jistgħu jitwettqu bosta operazzjonijiet bażiċi tat-trasport, filwaqt li operazzjoni bażika tat-trasport tkun tfisser trasport ta' tip wieħed ta' merkanzija (definita b'referenza għal livell partikulari tan-nomenklatura) bejn il-post fejn titgħabba u l-post fejn tinħatt.

Id-dejta li għandha tingħata rigward operazzjoni bażika tat-trasport matul vjaġġ bit-tagħbija hija din:

1. it-tip tal-merkanzija, skont il-gruppi li jirreferu għal klassifikazzjoni xierqa (ara l-Anness IV);
2. il-piż tal-merkanzija: il-piż gross, f'100 kg;
3. jekk ikun meħtieġ, il-klassifikazzjoni tal-merkanzija bħala perikoluża skont il-kategorji ewlenija tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> mogħtija fl-Anness V;
4. it-tip tat-tagħbija kif mogħtija fl-Anness VI (volontarju);
5. il-post tat-tagħbija tal-merkanzija, ikkodifikat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
6. il-post tal-ħatt tal-merkanzija, ikkodifikat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
7. id-distanza vvjaġġata, id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza misjuqa mill-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq waqt li tkun qed tiġi ttrasportata minn mezzi oħra tat-trasport.

#### **L-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa matul vjaġġ tat-tip “dawra jew ġbir jew distribuzzjoni” (vjaġġ tat-tip 3)**

Għal dan it-tip ta' vjaġġ, b'ħafna postijiet ta' tagħbija u/jew ħatt, tkun ħaġa prattikament impossibbli li wieħed jitlob lill-operaturi tat-trasport biex jiddeskrivu l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport.

Fil-każ ta' dawn il-vjaġġi, meta dawn jiġu identifikati bħala tali, operazzjoni tat-trasport bażika, singola u nominali tinħoloq ġeneralment fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-vjaġġ.

---

<sup>10</sup> ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tiegħu għal dan it-tip ta' vjaġġ u jispjega l-assunzjonijiet simplifikanti li hu jiġi obligat li japplika fil-ġbir tad-dejta dwar l-operazzjonijiet ta' trasport korrispondenti.

## L-appendiċi metodoloġika

### Il-vjaġġi bit-tagħbija u l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport

Waqt li jiddependi mill-Istat Membru kkonċernat, l-informazzjoni dwar it-trasport tinġabar fuq il-bażi ta':

- jew deskrizzjoni ta' kull operazzjoni bażika ta' trasport ta' merkanzija (b'dettalji addizzjonali dwar vjaġġi bla tagħbija),
- jew deskrizzjoni tal-vjaġġi magħmula mill-vettura fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet bażiċi għat-trasport tal-merkanzija.

Fil-maġġoranza tal-każijiet, meta jsir vjaġġ bit-tagħbija dan ikun jirrappreżenta operazzjoni bażika waħda ta' trasport ma':

---

↓ 1172/98 (adattat)

- tip wieħed ta' merkanzija mgħobbija (b'referenza għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija użata, f'dan il-każ l-  20  grupp derivati mill-klassifikazzjoni tal-NST)<sup>11</sup>,

---

↓ 1172/98

- post wieħed għat-tagħbija tal-merkanzija,
- post wieħed għall-ħatt tal-merkanzija.

F'dan il-każ iż-żewġ metodi użati jkunu kompletament ekwivalenti, u l-informazzjoni miġbura miż-żewġ metodi tiddekrivihom it-tnejn:

- it-trasport tal-merkanzija (l-operazzjonijiet bażiċi kollha għat-trasport tal-merkanzija),
- il-vjaġġi li jsiru mill-vetturi fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet, bid-dettalji tal-kapaċitajiet tal-vetturi u l-utilizzazzjoni ta' dawn il-kapaċitajiet (il-vjaġġ bit-tagħbija bil-ko-effiċjent tal-utilizzazzjoni; il-vjaġġ bla tagħbija).

Taħt dan ir-Regolament, il-trasport tal-merkanzija u l-vjaġġi li jsiru mill-vetturi għandhom jiġu deskritti t-tnejn, imma ma huwiex mixtieq li l-operaturi tat-trasport jitgħabbew b'żieda eċċessiva fil-piż tal-istatistiċi billi dawn jintalbu jiddeskrivu fid-dettall it-trasport tal-merkanzija u l-vjaġġi tal-vetturi.

Għalhekk, l-NSOs fl-Istati Membri, waqt il-kodifika tal-kwestjonarji, għandhom jikkostitwixxu mill-ġdid id-dejta li ma tkunx espliċitament meħtieġa mill-operaturi tat-

---

<sup>11</sup> NST: In-nomenklatura uniformi tal-merkanzija għall-istatistiċi tal-ġarr.

trasport mid-dejta li dawn jiġbru fuq il-bażi jew tal-“operazzjoni bażika tal-ġarr”, jew ta’ “il-vjaġġ tal-vettura”.

Il-problema tqum meta ħafna operazzjonijiet bażiċi tat-trasport isiru matul vjaġġ wieħed bit-tagħbija, li jista’ jkun minħabba:

- li jkun hemm ħafna postijiet tat-tagħbija u/jew tal-ħatt tal-merkanzija (imma jkunu limitati fil-ġħadd, inkella dawn ikunu dawriet ta’ ġbir jew distribuzzjoni, li jkunu jeħtieġu trattament speċjali).

F’dan il-każ dawn id-diversi postijiet ta’ tagħbija u/jew ta’ ħatt jiġu rreġistrati, biex jiġu kkalkulati korrettament it-tunnellati -kilometri li jkunu saru matul il-vjaġġ, u l-uffiċju tal-istatistika jkun jista’ jikkostitwixxi mill-ġdid l-operazzjonijiet bażiċi tal-ġarr,

- u/jew il-fatt li jkun hemm ħafna tipi ta’ merkanzija ttrasportati matul il-vjaġġ bit-tagħbija, fatt li ġeneralment ma jitniżżilx fl-istatistiċi, ġaladarba tip wieħed biss ta’ merkanzija (singola jew prinċipali) jintalab.

F’dan il-każ it-telf tal-informazzjoni jiġi aċċettat u l-Istati Membri li jwettqu din it-tip ta’ simplifikazzjoni għandhom jaġħmlu referenza espliċita għaliha lill-Kummissjoni.

---

## ANNEX II

### II-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONFIGURAZZJONJET TAL-FUS

Meta tintuża kombinazzjoni ta' vetturi, il-konfigurazzjoni tal-fus tgħodd l-għadd totali ta' fusien, jigiġifieri l-fusien tat-trakk jew iż-żiemel tat-triq, flimkien ma' dawg tal-karru jew in-nofs-karru.

Il-kategoriji tal-fusien huma dawn li ġejjin:

	Il-Kodifika
1. L-għadd tal-fusien fil-każ tal-vetturi singoli (trakkijiet):	
2	120
3	130
4	140
Oħrajn	199
2. In-numru ta' fusien fil-każ ta' kombinazzjoni ta' vetturi: trakk u karru:	
2 + 1	221
2 + 2	222
2 + 3	223
3 + 2	232
3 + 3	233
Oħrajn	299
3. L-għadd tal-fusien fil-każ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi: żiemel tat-triq u n-nofs-karru:	
2 + 1	321
2 + 2	322
2 + 3	323
3 + 2	332
3 + 3	333
Oħrajn	399
4. Żiemel tat-triq biss	499

### ANNEX III

#### **IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TA' VJAĠĠI**

1. Il-vjaġġ bit-tagħbija li jinvolti operazzjoni bażika waħda ta' ġarr.
  2. Il-vjaġġ bit-tagħbija li jinvolti ħafna operazzjonijiet ta' ġarr, imma li ma jkunx ikkunsidrat bħala dawra ta' ġbir jew distribuzzjoni.
  3. Il-vjaġġ bit-tagħbija tat-tip ta' dawra ta' ġbir jew distribuzzjoni.
  4. Il-vjaġġi bla tagħbija.
-

**ANNEX IV**

**IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-MERKANZIJA**

**NST 2007**

<b>Diviżjoni</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
01	Prodotti tal-agrikoltura, tal-kaċċa u tal-forestrija; ħut u prodotti oħra tas-sajd
02	Faħam u lignite; żejt mhux raffinat u gass naturali
03	Metalli mhux maħduma u prodotti oħra tal-minjieri u tal-barrieri; pit; uranju u Torju
04	Prodotti tal-ikel, xorb u tabakk
05	Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda
06	Injam u prodotti ta' l-injam u tas-sufra (għajr għamara); oġġetti magħmulin mittiben u materjal tal-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta; materjal stampat u materjal irrekordjat
07	Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
08	Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti talplastik; fjuwil nukleari
09	Prodotti oħra minerali li m'humiex metalliċi
10	Metalli bażiċi; prodotti ffabbrikati mill-metall, għajr makkinarju u tagħmir
11	Makkinarju u tagħmir n.e.c.; makkinarju tal-uffiċċji u kompjuters, makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; arloġġi
12	Tagħmir ta' trasport
13	Għamara; oġġetti oħra mmanifatturati n.e.c.
14	Materja prima sekondarja; skart municijali u tip ieħor ta' skart
15	Posta, pakketti postali
16	Tagħmir u materjal utilizzat għat-trasport tal-merkanzija
17	Oġġetti trasportati fil-ġarr minn djar u uffiċċji; bagalji trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-tiswija; oġġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c.
18	Merkanzija raggrupata: taħlita ta' tipi ta' merkanzija li huma ttrasportati flimkien
19	Merkanzija mhux identifikabli: merkanzija li għal xi raġuni ma tistax tiġi identifikata u għalhekk ma tistax tiġi assenjata lill-gruppi 1 – 16.
20	Merkanzija oħra n.e.c.

**ANNEX V**

**IL-KLASSIFIKAZZJONI TA' KATEGORIJI TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA**

- 1 L-esplossivi
  - 2 Il-gassijiet, ikkumpressati, likwifikati jew imdewba taħt pressjoni
  - 3 Il-likwidi li jieħdu n-nar
  - 4.1 Is-solidi li jieħdu n-nar
  - 4.2 Is-sostanzi li jaqbd u weħidhom
  - 4.3 Is-sostanzi li, f'kuntatt mal-ilma, jarmu gassijiet li jaqbd u
  - 5.1 Is-sostanzi ossidanti
  - 5.2 Il-perossidi organiċi
  - 6.1 Is-sostanzi tossiċi
  - 6.2 Is-sostanzi li jistgħu jikkaġunaw infezzjonijiet
  - 7 Il-materjal radjuattiv
  - 8 Il-korrużivi
  - 9 Is-sostanzi perikolużi mixxellanji
-

**ANNEX VI**

**KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TA' TAGĦBIJA\***

- 0 Il-merkanzija likwida mhux stivata (bla unità ta' tagħbija)
- 1 Il-merkanzija solida mhux stivata (bla unità ta' tagħbija)
- 2 Il-kontenituri l-kbar tal-merkanzija
- 3 Il-kontenituri l-oħra tal-merkanzija
- 4 Il-merkanzija li tinġarr fuq pallets
- 5 Il-merkanzija qabel ma tiġi mbragata
- 6 L-unitajiet mobbli awtomoventi
- 7 Unitajiet mobbli oħra
- 8 (Riservat)
- 9 Tipi oħra ta' merkanzija

---

(\*) Il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa — Kodiċi għat-tipi ta' merkanzija, pakketti u materjali tal-imballaġġ, ir-Rakkomandazzjoni 21 adottata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iffaċilitar tal-Proċeduri għall-Kummerċ Internazzjonali, Ġinevra, Marzu 1986.

↓ 2691/1999 Art. 1 pt. 2 u Anness  
(adattat)

## L-ANNESS VII

### **IL-KODIFIKA TAL-POSTIJJET FEJN ISSIR IT-TAGHBIIJA U L-ĦATT TAL-PAJJIŻI U R-REĠJUNI**

1. Il-postijiet fejn issir it-tagħbija u l-ħatt għandhom jiġu kkodifikati kif ġej:
  - (a) analiżi reġjonali fi gruppi sal-Livell 3 tan-Nomenklatura tal-Entitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS), għall-Istati Membri;
  - (b) listi ta' reġjuni amministrattivi mogħtijin mill-pajjiż terz ikkonċernat, rigward Stati li ma humiex membri iżda li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja;
  - (ċ) għal pajjiżi terzi oħra, suppost li jintużaw il-kodiċi 2-alpha ISO-3166. L-aktar kodiċi li jintużaw ta' spiss qed jidhru fit-tabella ☒ tal-punt 2(b) ta' dan l-Anness ☒.
2. Għall-kodifika ta' pajjiżi li jaqsmu minn ġo fihom waqt it-transitu (punt 7 ta' Anness I, parti A2), dawn il-kodiċi tal-pajjiżi għandhom jintużaw:
  - (a) il-parti 2-alpha tal-kodiċi NUTS, kif jidhru fit-tabella ta' hawn isfel, għall-Istati Membri;
  - (b) għall-pajjiżi l-oħrajn kollha, il-kodiċi 2-alpha ISO-3166 għandhom jintużaw. L-aktar kodiċi li jintużaw ta' spiss jidhru fit-tabella ta' hawn taħt.

#### **It-tabella tal-kodiċi tal-pajjiżi**

##### **a) Stati Membri (li jikkorrispondu għall-kodiċi tal-pajjiżi 2-alpha NUTS)**

Nota: pajjiżi b'ordni uffċjali tal-UE

↓ 1791/2006 Anness, pt. 8.5.a)  
(adattat)

Il-Pajjiż	Kodiċi
Belġju	BE
Bulgarija	BG
Repubblika Ċeka I	CZ

Danimarka	DK
Ġermanja	DE
Estonja	EE
☒ Irlanda ☒	☒ IE ☒
Greċja	GR
Spanja	ES
Franza	FR
Italja	IT
Ċipru	CY
Latvja	LV
Litwanja	LT
Lussemburgu	LU
Ungerija	HU
Malta	MT
Olanda	NL
Awstrija	AT
Polonja	PL
Portugal	PT
Rumanija	RO
Slovenja	SI
Slovakkja	SK
Finlandja	FI
Sveżja	SE
Renju Unit	UK

---

**(b) Pajjiżi oħra (b'kodiċi 2-alpha ISO-3166)**

Nota: pajjiżi b'ordni tal-kodiċi

Il-Pajjiż	Kodiċi
L-Albanija	AL
Il-Bosnja-Herzegovina	BA
Il-Belarus	BY
L-Isvizzera	CH
Il-Kroazja	HR
L-Islanda	IS
Liechtenstein	LI
☒ Ir-Repubblika ta' Moldova ☒	MD
☒ Montenegro ☒	☒ ME ☒
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	MK☒ <sup>12</sup> ☒
In-Norveġja	NO
Il-Federazzjoni Russa	RU
☒ Serbja ☒	☒ RS ☒
It-Turkija	TR
L-Ukraina	UA

<sup>12</sup> Kodiċi provviżorju mingħajr ħsara għall-isem definittiv tal-pajjiż, li għandu jiġi miftiehem fil-konklużjonijiet tan-negozjati li huma għaddejnin bħalissa f'dan ir-rigward fil-kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti.



## ANNEX VIII

### **Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu**

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98  
(ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1)

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2691/1999  
(ĠU L 326, 18.12.1999, p. 39)

Punt 10.15 tal-Anness II ta' l-Att tal-Adeżjoni tal-2003  
(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 561)

Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) l-Anness II, punt 27 biss

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006  
(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1) l-Anness, punt 8.5 biss

Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
(ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1) l-Artikolu 13 biss

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2007  
(ĠU L 290, 8.11.2007, p. 14) l-Artikolu 2 biss

Regolament (KE) Nru 399/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
(ĠU L 126, 21.5.2009, p. 9)

---

**ANNEX IX**

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

Regolament (KE) Nru 1172/98	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, l-ewwel sa l-erbatax-il inċiż	Artikolu 2, punti (a) sa (n)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5(1), (2) u (3)	Artikolu 5(1), (2) u (3)
Artikolu 5(4)	_____
Artikolu 5(5)	_____
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7(1) u (2)	Artikolu 7(1) u (2)
Artikolu 7(3)	_____
Artikolu 8	_____
_____	Artikolu 8
_____	Artikolu 9
_____	Artikolu 10
Artikolu 10(1) u (2)	Artikolu 11(1) u (2)
Artikolu 10(3)	_____
Artikolu 11	_____
_____	Artikolu 12
Artikolu 12	Artikolu 13
Annessi A sa G	Annessi I sa VII
_____	Anness VIII
_____	Anness IX